II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1717

**tas-27 ta' Ġunju 2023**

**li jemenda d-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għar-reċipjent tal-iċċarġjar u l-protokoll tal-komunikazzjoni tal-iċċarġjar għall-kategoriji jew għall-klassijiet kollha ta' tagħmir tar-radju li jista' jiġi ċċarġjat mill-ġdid permezz ta' ċċarġjar bil-fili**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri marbuta mat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir tar-radju u li tħassar id-Direttiva 1999/5/KE ([1]) u b'mod partikolari l-Artikolu 3(4) tagħha,

Billi:

(1) Wieħed mill-objettivi tad-Direttiva 2014/53/UE huwa li jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern għat-tagħmir tar-radju.

(2) Sabiex jiġu armonizzati l-interfaċċi tal-iċċarġjar u l-protokolli tal-komunikazzjoni tal-iċċarġjar għal kategoriji jew klassijiet speċifiċi ta' tagħmir tar-radju, u sabiex jiġu speċifikati r-rekwiżiti dwar il-bejgħ ikkombinat tat-tagħmir tar-radju u ċ-ċarġers tiegħu u fir-rigward tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lill-konsumaturi u lil utenti finali oħra, id-Direttiva 2014/53/UE ġiet emendata bid-Direttiva (UE) 2022/2380 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

(3) Wara l-emendi tad-Direttiva (UE) 2022/2380, id-Direttiva 2014/53/UE tipprovdi wkoll il-bażi għall-adattament ta' dawn ir-rekwiżiti għal kwalunkwe progress xjentifiku u teknoloġiku jew żvilupp tas-suq fil-futur sabiex tiġi żgurata interoperabbiltà komuni minima bejn it-tagħmir tar-radju u l-apparati tal-iċċarġjar tiegħu, kif ukoll biex tittejjeb il-konvenjenza għall-konsumaturi, jitnaqqas l-iskart ambjentali u tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq.

(4) Fir-rigward tal-armonizzazzjoni tal-interfaċċi tal-iċċarġjar u tal-protokolli tal-komunikazzjoni tal-iċċarġjar għall-iċċarġjar bil-fili, l-Artikolu 3(4), l-ewwel subparagrafu, tad-Direttiva 2014/53/UE jirrikjedi li t-tagħmir tar-radju fil-kategoriji jew fil-klassijiet tat-tagħmir tar-radju speċifikati fil-Parti I tal-Anness Ia ta' dik id-Direttiva jinbena b'tali mod li jikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet relatati mal-kapaċitajiet tal-iċċarġjar stabbiliti f'dak l-Anness.

([1]) ĠU L 153, 22.5.2014, p. 62.

([2]) Id-Direttiva (UE) 2022/2380 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2022 li temenda d-Direttiva 2014/53/UE dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri marbuta mat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir tar-radju (ĠU L 315, 7.12.2022, p. 30).

(5) L-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fil-Parti I tal-Anness Ia tad-Direttiva 2014/53/UE jipprevedu li l-kategoriji jew il-klassijiet ta' tagħmir tar-radju li huma elenkati f'dak l-Anness u li jistgħu jiġu ċċarġjati mill-ġdid permezz ta' ċċarġjar bil-fili għandhom ikunu mgħammra bir-reċipjent tal-USB tat-Tip-C kif deskritt fl-istandard EN IEC 62680-1-3:2021 "Interfaċċi tal-universal serial bus għad-*data* u l-elettriku – Parti 1-3: Komponenti komuni – Speċifikazzjoni tal-Kejbil u tal-Konnettur tal-USB tat-Tip-C®". Barra minn hekk, l-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fil-Parti I tal-Anness Ia tad-Direttiva 2014/53/UE jipprevedu li l-kategoriji jew il-klassijiet ta' tagħmir tar-radju li huma elenkati f'dak l-Anness u li jistgħu jiġu ċċarġjati mill-ġdid permezz ta' ċċarġjar bil-fili b'vultaġġi ogħla minn 5 volts, kurrenti ogħla minn 3 amperes jew potenzi ogħla minn 15 watt għandhom jinkorporaw it-Twassil tal-Enerġija USB kif deskritt fl-istandard EN IEC 62680-1-2:2021 "Interfaċċi tal-universal serial bus għad-*data* u l-elettriku – Parti 1-2: Komponenti komuni – Speċifikazzjoni tat-Twassil tal-Enerġija bil-USB".

(6) Fil-5 ta' Settembru 2022, il-Kummissjoni Elettroteknika Internazzjonali (IEC) ippubblikat l-istandard IEC 62680-1-2:2022 "Interfaċċi tal-universal serial bus għad-*data* u l-elettriku – Parti 1-2: Komponenti komuni – Speċifikazzjoni tat-Twassil tal-Enerġija bil-USB" u l-istandard IEC 62680-1-3:2022 "Interfaċċi tal-universal serial bus għad-*data* u l-elettriku – Parti 1-3: Komponenti komuni – Speċifikazzjoni tal-Kejbil u tal-Konnettur tal-USB tat-Tip-C®". Dawk iż-żewġ standards fihom speċifikazzjonijiet aġġornati.

(7) Fl-14 ta' Ottubru 2022, il-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika (Cenelec) adotta, bħala standards Ewropej (EN), dawk iż-żewġ standards internazzjonali tal-IEC ippubblikati fil-5 ta' Settembru 2022, permezz ta' EN IEC 62680-1-2:2022 "Interfaċċi tal-universal serial bus għad-*data* u l-elettriku – Parti 1-2: Komponenti komuni – Speċifikazzjoni tat-Twassil tal-Enerġija bil-USB" u EN IEC 62680-1-3:2022 "Interfaċċi tal-universal serial bus għad-*data* u l-elettriku – Parti 1-3: Komponenti komuni – Speċifikazzjoni tal-Kejbil u tal-Konnettur tal-USB tat-Tip-C®".

(8) Sabiex ikun hemm adattament għall-progress tekniku, jeħtieġ li jiġu mmodifikati, fil-Parti I, il-Punt 2, tal-Anness Ia tad-Direttiva 2014/53/UE, ir-referenzi tal-istandard relatat mar-reċipjent tal-iċċarġjar u l-kejbils għall-iċċarġjar bil-fili f'konformità mal-istandard EN IEC 62680-1-3:2022.

(9) Jeħtieġ ukoll li jiġu mmodifikati, fil-Parti I, il-Punt 3, tal-Anness Ia tad-Direttiva 2014/53/UE, ir-referenzi tal-istandard relatat mal-protokoll tal-komunikazzjoni tal-iċċarġjar dwar l-iċċarġjar bil-fili b'vultaġġ ogħla minn 5 Volts, kurrenti ogħla minn 3 Amperes jew potenzi ogħla minn 15 Watt, f'konformità mal-istandard EN IEC 62680-1-2:2022.

(10) Għalhekk, jenħtieġ li d-Direttiva 2014/53/UE tiġi emendata skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-Parti I tal-Anness Ia tad-Direttiva 2014/53/UE hija emendata kif ġej:

(1) fil-punt 2.1, ir-referenza għall-istandard "EN IEC 62680-1-3:2021" hija sostitwita b'"EN IEC 62680-1-3:2022";

(2) fil-punt 2.2, ir-referenza għall-istandard "EN IEC 62680-1-3:2021" hija sostitwita b'"EN IEC 62680-1-3:2022";

(3) fil-punt 3.1, ir-referenza għall-istandard "EN IEC 62680-1-2:2021" hija sostitwita b'"EN IEC 62680-1-2:2022".

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Ġunju 2023.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN